**Ruling Mogħti mis-Sedja f'Seduta 15, nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2026**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-punt imqajjem mill-Onor. Graziella Galea fis-seduta 13 tat-20 ta' Lulju 2026, fejn ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja illi f'post li deher fis-social media ta' Lovin Malta dwar in-numru ta' blue badges foloz – informazzjoni li ħarġet minn tweġiba għal mistoqsija parlamentari – ma saritx referenza għall-Membru li għamel il-mistoqsija u lanqas għal min weġibha. Is-Sedja rat ukoll li dan l-istess artikolu deher ukoll fil-website ta' Lovin Malta.

Is-Sedja tiġbed l-attenzjoni għal numru ta' rulings tas-Sedja diversament ippreseduta, illi kull darba li f'rappurtaġġ fil-media ssir referenza għal xi Mistoqsija Parlamentari jew xi diskors li jkun sar minn Membru Parlamentari f'din il-Kamra jew fil-Kumitati tagħha, ir-rappurtaġġ għandu jinkludi wkoll l-isem ta' dak il-Membru Parlamentari li jew ikun issottometta d-domanda parlamentari, min ikun weġibha jew li jkun għamel id-diskors. Wieħed jinnota li f'dawn iż-żewġċirkostanzi la ssemma l-Membru li għamel il-misotqsija u lanqas il-Ministru li wieġbet din il-mistoqsija.

Is-Sedja qiegħda għalhekk tfakkar lill-media houses illi meta jirrappurtaw ħidma mill-Parlament, ir-rappurtaġġ għandu jkun wieħed sħiħ. F'dan il-każ ta' informazzjoni li ħarġet minn tweġiba għal mistoqsija parlamentari, is-Sedja tħeġġeġ sabiex fir-rappurtaġġ ikun hemm ukoll referenza għall-Membru li jkun għamel il-mistoqsija u l-Ministru li jkun weġibha. B'hekk ir-rappurtaġġ ikun wieħed komplut u jinforma lill-qarrej ukoll dwar min għamel il-mistoqsija u min wieġeb.

Il-Punt imqajjem mill-Onor. Graziella Galea għalhekk huwa deċiż.